MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Numru 62/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Ginka Atanasova Stefanova**

Il- Qorti,

Rat l-att ta' l-akkuza numru tnejn u sittin (62) tas-sena elfejn u ghaxra (2010) migjuba kontra l-imsemmija **Ginka Atanasova Stefanova** li biha giet akkuzata talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Fil-lejl ta' bejn is-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru 2009 u s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru 2009 l-akkuzata **Ginka Atanasova Stefanova** giet Malta permezz ta' titjira ta' l-AirMalta KM421 minn Brussel. Hija giet imwaqqfa mill-pulizija kif assistiti minn ufficjali tad-dwana u wara li saret tfittxija fil-bagalja taghha ittiehdet l-isptar Mater Dei

sabiex tigi sottoposta ghal ezami ta' X-ray. Illi meta kienet l-isptar irrizulta li kemm f'istonku taghha kif ukoll fil-parti genitali taghha, l-akkuzata kienet qeghda ggorr ammont sostanzjali ta' kapsoli. F'dawn il-kapsoli nstabet sostanza allegatment droga.

Illi din s-sustanza giet analizzata minn espert imqabbad mill-Qorti u ikkonferma s-suspetti tal-pulizija li din is-sustanza kienet droga. Fil-fatt l-akkuzata f'gisimha kienet qed iggorr 430.19 gramma droga kokaina ta' purita medja ta' 34.8% kif ukoll 329.47 gramma heroina ta' purita medja ta' 31.5%. Il-prezz tal-bejgh bl-imnut ta' din il-droga perikoluza kien jammonta ghal circa €32, 694 u €15, 155 rispettivament.

Illi l-akkuzata **Ginka Atanasova Stefanova** xi jiem qabel il-lejl ta' bejn is-sitta u ghoxrin (26) u s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru 2009, xjentement assocjat ruhha ma' terzi persuni barra minn Malta u flimkien ikkombinaw l-mezzi taghhom sabiex b'hekk ikunu jistaw imexxu u jimportaw illegalment id-droga f'Malta.

Illi l-akkuzata ammettiet mal-pulizija li xi jiem qabel giet Malta ftehmet ma' zewg persuni ohra, Lazar u James sabiex tibda titraffika d-droga u timportaha f'Malta. Fil-fatt dawn it-tlett persuni hejjew pjan strategiku sabiex iwettqu din l-operazzjoni ta' importazzjoni ta' droga f'Malta.

Illi gie miftiehem bejniethom it-tlieta li James, persuna ta' karnagon skura, kellu ihallas l-itinerrarju tal-vjagg li kellha taghmel l-akkuzata, il-lukanda fejn kienet se talloggja kif ukoll il-taxi u l-ispejjes kollha li kienet se tinvolvi din l-operazzjoni kif ukoll jipprovdi s-sustanza perikoluza.

Illi Lazar, persuna li maghha kienet tghix l-akkuzata gewwa Amsterdam, kellu jiehu hsieb l-itinerrarju tal-vjagg ta' l-akkuzata, iwassal lill-akkuzata tixtri l-biljett ta' l-arju, jghina tibla u tahbi d-droga perikoluza, kif ukoll iwassalha l-arjuport ta' Brussels.

Dan parti taghha l-akkuzata ftehmet ma James u Lazar li ggorr din id-droga go gisimha u mal-wasla taghha hawn

Malta kellha taghmel kuntatt ma terza persuna bl-isem ta' Tommy fejn il-bank HSBC gewwa Bugibba.

Illi in esekuzzjoni ta' dan il-pjan, l-akkuzata fis-26 ta' Settembru 2009 belghet sitta u tmenin kapsola ta' droga perikoluza provduti minn Lazar bl-ghajnuna ta' James kif ukoll dahlet kapsola kbira fil-parti privata taghha. Wara Lazar wassal lill-akkuzata bil-vettura tieghu l-arjuport ta' Brussels sabiex minn hemm tirkeb l-arjuplan KM 421 sabiex tigi Malta. Fortunament din il-kunsinna kbira ta' droga kokaina u heroina giet maqbuda mill-Pulizija mal-wasla taghha fl-ajruport ta' Malta.

Illi ta' din il-bicca xoghol l-akkuzata kienet se tithallas is-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1500).

Illi d-droga kokaina u heroina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilha l-imsemmija **Ginka Atanasova Stefanova** saret hatja talli assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex tbiegh jew tittraffika medicina perikoluza f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromoviet, ikkostitwixiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq msemmi jakkuza lill-imsemmija **Ginka Atanasova Stefanova** hatja talli assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex tbiegh jew tittraffika medicina perikoluza f'dawn il-Gzejjer (heroina u kokaina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat l-assocjazzjoni; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u illi hija tigi kkundannata ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur

il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatjin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzata.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza, fil-lejl ta' bejn is-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru 2009 u s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru 2009 l-akkuzata **Ginka Atanasova Stefanova** giet Malta permezz ta' titjira ta' l-AirMalta KM421 minn Brussel. Hija giet imwaqqfa mill-pulizija kif assistiti minn ufficjali tad-dwana u wara ittiehdet l-isptar Mater Dei sabiex hemmhekk isirilha ezami ta' l-X-ray. Minn dan l-ezami irrizulta li go gisimha kienet qed iggorr numru sostanzjali ta' kapsoli kontenenti sostanza allegatment droga.

Illi din s-sustanza giet analizzata minn espert imqabbad mill-Qorti u ikkonferma s-suspetti tal-pulizija li din is-sustanza kienet droga kokaina ta' purita' medja ta' 43.8%. Bhala ammont irrizulta ukoll li kien hemm 430.19-il gramma u l-prezz tal-bejgh bl-imnut ta' din id-droga perikoluza kien jammonta ghal circa €32, 694.

Illi d-droga kokaina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilha l-imsemmija **Ginka Atanasova Stefanova** saret hatja talli importat jew esportat jew gieghlet li tigi importata jew esportata, jew ghamlet xi haga sabiex tista' tigi mportata jew esportata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kelliex licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija **Ginka Atanasova Stefanova**, hatja talli importat, gieghlet li tigi importata jew ghamlet xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kelliex licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u illi hija tigi kkundannata ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), fil-regolament 9(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzata.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza u cioe fil-lejl ta' bejn is-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru 2009 u is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru 2009 l-akkuzata **Ginka Atanasova Stefanova** giet Malta permezz ta' titjira ta' l-AirMalta KM421 minn Brussel. Hija giet imwaqqfa mill-pulizija kif assistiti minn ufficjali tad-dwana u wara ittiehdet l-isptar Mater Dei sabiex hemmhekk isirilha ezami ta' l-X-ray. Illi waqt li kienet qieghda tistenna sabiex jittiehed dan l-X-ray mill-parti privata taghha l-akkuzata harget kapsola kbira kontenenti sostanza allegatment droga. Illi l-ezami ta' x-ray indika b'mod konklusiv ukoll li go gisimha l-akkuzat kienet qed iggorr numru sostanzjali ohra ta' kapsoli kontenenti sostanza allegatment droga.

Illi din s-sustanza giet analizzata minn espert imqabbad mill-Qorti u kkonferma s-suspetti tal-pulizija li din is-sustanza kienet droga heroina ta' purita' medja ta' 31.5%. Bhala ammont irrizulta ukoll li kien hemm 329.47grammi u l-prezz tal-bejgh bl-imnut ta' din il-droga perikoluza kien jammonta ghal circa €15, 155.

Illi d-droga heroina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilha l-imsemmija **Ginka Atanasova Stefanova** saret hatja talli importat jew esportat jew gieghlet li tigi importata jew esportata, jew ghamlet xi haga sabiex tista' tigi importata jew esportata medicina perikoluza (heroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kelliex licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija **Ginka Atanasova Stefanova**, hatja talli importat, gieghlet li tigi importata jew ghamlet xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (heroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kelliex licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u illi hija tigi kkundannata ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), fil-regolament 9(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini

Perikoluzi (G.N. 292/1939) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzata.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-raba’ Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi ndikati fl-ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u cioe fil-lejl ta’ bejn is-sitta u ghoxrin (26) ta’ Settembru 2009 u s-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Settembru 2009 l-akkuzata **Ginka Atanasova Stefanova** giet Malta permezz ta’ titjira ta’ l-AirMalta KM421 minn Brussel. Illi mohbija f’gisimha kellha numru ta’ kapsoli kontenenti droga heroina. Illi l-ammont ta’ din id-droga perikoluza kien ta’ 329.47grammi ta’ purita’ medja ta’ 31.5%. Il-prezz tal-bejgh bl-imnut ta’ din il-droga perikoluza kien jammonta ghal circa €15, 155.

Illi d-droga heroina hija droga specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmija **Ginka Atanasova Stefanova** ma kelliex awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza msemmija u ma kinitx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni dik id-droga. Anqas kienet b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u anqas kienet awtorizzata mill-President ta’ Malta li jkollha d-drogi fil-pussess taghha.

Illi b’ghemilha, l-imsemmija **Ginka Atanasova Stefanova** saret hatja talli kellha fil-pussess taghha d-droga heroina li ghaliha tapplika t-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kinitx bil-licenzja jew xortaohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u ma kinitx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess

taghha u dik id-droga ma gietx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi **Ginka Atanasova Stefanova** hatja talli kellha fil-pussess taghha d-droga heroina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kinitx bil-licenzja jew xortaohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha u dik id-droga ma gietx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u li hija tigi kkundannata ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba' mija u disgha u sittin  euro u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1), 15, 20, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzata.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi ndikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza u cioe' u cioe fil-lejl ta' bejn is-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru 2009 u is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru 2009 l-akkuzata **Ginka Atanasova Stefanova** giet Malta permezz ta' titjira ta' l-AirMalta KM421 minn Brussel.  Illi mohbija f'gisimha kellha numru ta' kapsoli kontenenti droga kokaina. Illi l-ammont ta' din id-droga

perikoluza kien ta’ 430.19 grammi ta’ purita’ medja ta’ 43.8%. Il-prezz tal-bejgh bl-imnut ta’ din il-droga perikoluza kien jammonta ghal circa €32, 694.

Illi d-droga kokaina hija droga specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmija **Ginka Atanasova Stefanova** ma kelliex awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza msemmija u ma kinitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni dik id-droga. Anqas kienet b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u anqas kienet awtorizzata mill-President ta’ Malta li jkollha d-drogi fil-pussess taghha.

Illi b’ghemilha, l-imsemmija **Ginka Atanasova Stefanova** saret hatja talli kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kinitx bil-licenzja jew xortaohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u ma kienitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u ma kinitx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha u dik id-droga ma gietx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b’dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak <u>il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha</u>.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi **Ginka Atanasova Stefanova** hatja talli kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kinitx bil-licenzja jew xortaohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u ma kinitx b’xi mod iehor bil-

licenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha u dik id-droga ma gietx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b’dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u li hija tigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomorha u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba’ mija u disgha u sittin  euro u l-konfiska ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1), 15, 20, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzata.
Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzata Ginka Atanasova Stefanova pprezentat seduta stante llum stess, fejn iddikjaraw li qed jaqblu ai termini tal-arikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din il-Qorti li fl-eventwalita li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzata, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqha ghanda tkun wahda ta’ prigunerija ghal-perjodu ta’ hdax (11) il-sena flimkien ma multa ta’ tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoniji Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’ jaqsmu maggha (Kap. 31) u tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), inkluz il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-propjeta mobbli u mmobbli tal-istess akkuzata.

Rat l-atti kollha processwali inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tallum, l-akkuzata, mistoqsija hekk hijiex hatja skond l-att tal-Akkuza, wiegbet billi stqarret li hija hatja tar-reati hemm dedotti kontra taghha.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lil akkuzata b' mod aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it twegiba u taghtha ftit taz-zmien biex terga` lura minnha, kif obbligata li tghamel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzata baqghet ittenni t-twegiba li kienet hatja.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara lil Ginka Atansova Stefanova hatja talli:

1. Talli assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex tbiegh jew tittraffika medicina perikoluza f'dawn il-Gzejjer (heroina u kokaina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat l-assocjazzjoni;

2. Hatja talli importat, gieghlet li tigi importata jew ghamlet xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kelliex licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett;

3. Talli importat, gieghlet li tigi importata jew ghamlet xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (heroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kelliex licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett;

4. Talli kellha fil-pussess taghha d-droga heroina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kinitx bil-licenzja jew xortaohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollha dik id-droga fil-

pussess taghha u dik id-droga ma gietx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha;

5. Talli kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kinitx bil-licenzja jew xortaohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha u dik id-droga ma gietx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha;

Ikkonsidrat,

L-ammissjoni qabel ma gie ffurmat il-guri, pero` ma tistax tissejjah bhala wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament l-eta` tal-hatja, li dakinhar li tressqet quddiem il-Qorti kellha wiehed u ghoxrin sena, il-kondotta ta' qabel tal-hatja, ix-xorta u l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, u b' mod partikolari f' dan il-kaz il-kwantita` tad-droga involuta fir-reati, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi ricenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili u fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz.
Qieset ukoll il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell

Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula fir-rikors pprezentat fis-seduta ta' llum. Ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 9, 10, 10(1), 12, 14, 14(1), 15, 15A 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 2, 4, 9, u 16 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 17, 23 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hatja**, Ginka Atanasova Stefanova** ghall-piena komplessiva ta' **hdax (11) il-sena prigunerija** w ghall-**multa ta tlieta u ghoxrin elf euro (€23,000.00),** li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti fi **tnax (12) il- xahar prigunerija** skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' Elf, tmienja u tmenin Euro u tmienja u tletin centezmu, **(€1,088.38),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------